MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Citazzjoni Numru. 932/2008

**BANK OF VALLETTA p.l.c**. (C-2833)

vs

Anthony u Maria mizzewgin **Gatt**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-17 ta’ Settembru, 2008, li bih u ghar-ragunijiet hemm imfissra l-Bank rikorrent talab li l-Qorti terga’ taghmel ezekuttiv l-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu ppubblikat fis-26 ta’ Frar, 2001, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Cilia u dan billi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta l-imsemmi kuntratt sar ezekuttiv;

Rat it-Twegiba mressqa mill-intimati fis-16 ta' Jannar, 2009;
Rat li l-Bank rikorrent ikkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors, ressaq ix-xhieda tieghu u wkoll provi dokumentali biex isahhu t-talba;

Semghet id-dikjarazzjoni maghmula waqt is-smigh tal-lum mill-avukati tal-partijiet;

Illi ghalhekk it-talba tal-Bank rikorrent tirrizulta gustifikata u ghalhekk tilqa' t-talba ta' l-istess rikorrenti, billi tirrendi mill-gdid ezegwibbli l-kuntratt pubbliku fuq imsemmi u dan ghall-ammont aggornat kif indikat mill-Bank rikorrenti fin-Nota u prospett imressaq waqt is-smigh tal-lum;

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------